MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 970/1994/1

**Anthony Bugeja ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Muscat Motors Limited**
**Vs**
**John Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur nomine irrepara l-vettura tal-konvenut tal-marka Golf C-1864 a sodisfazzjoni tal-istess konvenut;

Peress illi l-prezz tal-parts uzati u tax-xoghol kien ta' elf, mitejn tlieta u hamsin liri Maltin u tmenin centezmu (Lm1,253.80), kif jidher mill-fattura Nru. 125745 datata 22 ta' Ottubru 1993 (u li kopja taghha tinsab hawn annessa u markata Dok. A);

Peress illi s-socjeta’ attrici ghamlet skont fuq dan il-prezz u ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta’ elf, mitejn u ghoxrin liri Maltin (Lm1,220);

Peress illi l-konvenut ghall-ewwel hallas dan l-ammont permezz ta’ cekk datata 4 ta’ Dicembru 1993 (kopja tieghu tinsab hawn annessa u markata Dok. B) pero’ sussegwentement ghamel “stop payment” fuq dan ic-cekk;

Peress illi interpellat diversi drabi biex ihallas il-konvenut baqa inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ elf, mitejn u ghoxrin lili Maltin (Lm1,220), prezz ta’ xoghol, inkluz parts li sar fil-vettura tal-attur Golf Nru. C-1864 kif jidher mill-fattura fuq imsemmija.

Bl-ispejjes.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bla pregudizzju ghal proceduri ohra spettanti lill-attur nomine, inkluzi proceduri kriminali sussegwenti ghal rapport li gia sar lill-Pulizija minhabba frodi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita’ ta’ dawn il-proceduri stante li l-attur ma’ gab l-ebda prova li huwa ghandhu rappresentanza gurika tas-socjeta’ attrici.

2. Illi fit-tieni lok l-eccipjent qatt ma’ inkariga lis-socjeta’ attrici taghmel ix-xoghol ta’ riparazzjoni u tiswija fuq il-vettura tieghu.

3. Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-sopraskritt, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghax-xoghol ta' tiswija huwa ezagerat ghal kollox u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Pierre Lofaro minnu debitament mahlufa;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine qed jippretendi li ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta' Lm1,220 rapprezentanti prezz ta' spare parts u ta' xoghol maghmul minnu fuq il-vettura numru C-1864 tal-marka Golf, fuq inkarigu tal-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li [1] huwa ma kienx inkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xoghol ta' riparazzjoni fuq il-vettura, imma l-inkarigu li ta hu kien limitat ghal hrug ta' stima tal-ispiza tax-xoghol mehtieg; u [2] li l-ammont pretiz mill-attur nomine huwa esagerat.

Illi in sostenn tat-tesi taghha, is-socjeta' attrici ressqet bhala xhud lil Charles Micallef, addett maghha bhala foreman, u li kien involut fid-diskussjonijiet u fix-xogholijet li saru fuq il-vettura in kwistjoni. Fix-xhieda tieghu dan jghid li, wara li l-vettura kienet giet ezaminata mis-surveyor tas-socjeta' assikuratrici u nonostante li s-survery kien sar "without prejudice", il-konvenut kien insista mieghu sabiex jinbeda x-xoghol ta' tiswija fuq il-vettura. Konsegwenzjalment ix-xoghol inbeda u, nonostante li l-konvenut kien imur jara x-xoghol li kien ghaddej, huwa qatt ma talab stima tax-xoghol hlief meta x-xoghol kien wasal fl-istadju finali tieghu. Sussegwentement meta x-xoghol tlesta u nhareg il-kont finali, il-konvenut hallas il-kont permezz ta' cheque, iffirma satisfaction note,[1] u irtira l-vettura. In segwitu, il-konvenut hareg stop payment fuq ic-cheque mahrug minnu bir-

[1] Dok.D – fol.76

rizultat li effettivament l-attur nomine baqa' ma thallasx tax-xoghol li kien esegwixxa fuq l-imsemmija vettura.

Il-konvenut fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jghid li huwa qatt ma kien ta l-inkarigu lis-socejta' attrici sabiex tesegwixxi xogholijiet ta' tiswija fuq il-vettura. Inoltre, huwa kien ipprotesta li l-kont kien esagerat, u qal ukoll li c-cheque kellu johrogu ghax ma kienux ser ihalluh jiehu l-vettura qabel ma jhallas l-ammont dovut. Di fatti jispjega li kif hareg il-vettura, huwa ghamel stop payment fuq ic-cheque tieghu. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jghid ukoll "li huwa kien lest li jhallas ghall-ispare parts u wkoll kien lest li jhallas ammont ragjonevoli ghax-xoghol. Din il-proposta ma gietx accettata mis-socjeta' attrici."[2]

Illi l-Qorti tosserva li l-konvneut ma ressaq ebda xhud in sostenn tal-fatti kontenuti fid-dikjarazzjoni tieghu, kif lanqas ma ressaq ebda prova in sostenn tat-tesi tieghu li l-kont kien esagerat; anzi f' dan ir-rigward il-provi jindikaw il-kuntrarju, u l-istima tas-surveyor Alfred Farrugia ma ssibx riskontru fil-provi.

Illi din il-Qorti, fuq bazi ta' verosimiljanza, hija propensa li taccetta bhala veritiera t-tesi tal-attur nomine u cioe' li l-inkarigu mghoti mill-konvenut ma kienx limitat ghal komputazzjoni ta' stima, imma kien jestendi ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet fuq il-vettura. Kien l-obbligu tal-konvenut li jressaq provi sodisfacenti in sostenn tal-fatti minnu allegati, u l-Qorti tosserva li hu baqa' mankanti f' dan ir-rigward.

Illi in vista tal-premess il-Qorti tikkondividi l-osservazzjonijiet maghmula mill-perit legali kif ukoll il-konkluzzjonijiet raggjunti minnu u taghmilhom taghha.

In fine rigward l-ewwel eccezzjoni, jigi ribadit li dina giet superata bil-prezentata da part tal-attur nomine ta' resoluzzjoni ta' board meeting esebita fl-atti bhala dok.A a fol-17.

---

[2] Fol.15

Illi minn nota prezentata mill-attur nomine fit-23 ta’ Frar 2005 il-pretensjoni attrici giet ridotta ghas-somma ta’ Lm320, stante pagamenti effetwati fil-mori tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, taddotta fl-intier tieghu r-rapport tal-perit legali, u tilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira maltin [Lm320] rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ spare parts u ta’ xoghol maghmul fuq il-vettura fuq indikata, mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-konvenut; u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attur nomine din is-somma ta’ Lm320; l-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------